**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 26 ta' Frar 2020**

**Talba numru 67/2019SFJ**

***TLATA LIMITED (C16319)***
***VS.***
***LK LIMITED (C34234)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-28 ta' Marzu 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi ippremettiet u talbet:

> *"Is-soċjetà intimata għandha tiġi ikkundannata tħallas l-ammont ta' tlett elef u mija u sitta u erbgħin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€3,146.96) prospett riċevuti annessi rappreżentanti ħlas għal rimi ta' rodom fil-barriera tas-soċjetà esponenti.*
>
> *Bl-ispejjeż tal-preżenti, tal-ittra uffiċjali datata 9 ta' Jannar 2019 (kopja annessa) u bl-imgħax legali kontra s-soċjetà konvenuta inġunta minn issa in subizzjoni."*

Ra r-Risposta tas-soċjetà konvenuta ippreżentata fis-6 ta' Mejju 2019 li fiha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

> "*Illi l-azzjoni attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante li ebda ammont m'hu dovut mis-soċjetà esponenti lis-soċjetà attriċi u dan peress li s-soċjetà esponenti dejjem ħallset għal kull servizz li hija talbet u ħadet mingħand is-soċjetà attriċi;*

> *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u b'żieda mal-istess jingħad li kemm-il darba s-soċjetà attriċi qed tallega li hemm xi flus dovuti hija għandha tipprova l-istess;*
>
> *Illi dejjem b'żieda u mingħajr preġudizzju għall-istess, fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna hi milquta bil-preskrizzjoni ai termini tal-artikollu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili;*
>
> *Illi għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà.*
>
> *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*"

Ra d-digriet tat-3 ta' Settembru 2019 li bih ġiet miċħuda t-talba tas-soċjetà konvenuta għall-kjamat fil-kawża tat-terz Marius Ivanov Marinov.

Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, sema' t-trattazzjoni finali li saret tul is-seduta tal-20 ta' Jannar 2020 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-26 ta' Frar 2020.

**<u>Provi ppreżentati</u>**

Fl-udjenza tat-13 ta' Mejju 2019 xehed **Paul Falzon**, li huwa direttur tas-soċjetà attriċi. Falzon xehed li l-ammont mitlub permezz ta' din l-azzjoni huwa ammont dovut lis-soċjetà attriċi għal rimi ta' materjal tal-kostruzzjoni fil-barriera tas-soċjetà attriċi. Għal kull okkażjoni li kien isir xi rimi, kienet tinħareġ riċevuta li tindika l-piż tal-materjal, il-ħin tal-ġurnata u dettalji oħrajn. Ix-xhud ippreżenta d-dokument TL1 u kompla jispjega li min-naħa tas-soċjetà konvenuta, kien ikellem lil ċertu persuna jismu Ludwig. Dwar l-ammont dovut, Falzon xehed li huwa ġieli kellem lil dan Ludwig. Madankollu, f'Diċembru 2018 u fiż-żminijiet preċedenti, kien iben Paul Falzon li kien jittratta ma' dan Ludwig. Deher li kien ser ikun hemm xi arranġament fejn Ludwig, li allegatament kellu ħanut tat-*tyres*, kien iwiegħed lil iben Falzon li kien ser "*iġiblu x-xogħol*" u b'hekk, minflok ħlasijiet fi flus, ikun hemm tpartit. Falzon kompla jgħid li f'Diċembru 2018, huwa żar il-garaxx ta' dan Ludwig sabiex jixtri żewġ *tyres*. Id-dokument TL1 mhux biss jinkludi d-dokumenti ppreżentati mal-Avviż tat-Talba iżda anki jindika r-riċevuti bil-piż tal-miżien.

Fuq domanda tat-Tribunal, ix-xhud qal li qabel Diċembru 2018, huwa kien ġieli kellem lil Ludwig u dan dejjem kien iwiegħed li l-pagamenti kienu ser isiru. Kien iwiegħed ukoll li kellhom jaslu xi batteriji u xi *tyres*. Dan il-kuntatt sar wiċċ imb'wiċċ kif ukoll bit-*telephone*. Falzon kompla jixhed li mis-sena 2011 'il quddiem, ma ntrema ebda materjal. Ir-raġuni kienet li billi dan Ludwig ma baqax iħallas, is-soċjetà attriċi ma ħallitux juża l-barriera tagħha għar-rimi.

Jidher li skont karta datata 7 ta' Diċembru 2018, dan Ludwig ammetta max-xhud Paul Falzon fir-rigward ta' xi batteriji li l-ammont dovut għall-istess batteriji kien ser jitnaqqas mill-ammont li Ludwig kellu jagħti lis-soċjetà attriċi. Jidher ċar mit-traskrizzjoni relattiva (ara fol. 25 *et seq.*) li Falzon ma ħallasx għall-batteriji. Skont Falzon, dan Ludwig (li issa ġie stabbilit li jismu Ludwig Dimech) kiteb karta hu stess li tirrikonoxxi li s-soċjetà attriċi kienet dovuta xi flus.

It-Tribunal ra li fl-udjenza tal-25 ta' Settembru 2019 (ara l-verbal li jinsab a fol. 50) dehru l-avukati tal-partijiet u wara li ġie irreġistrat li kien ingħata digriet kamerali fit-3 ta' Settembru 2019, il-kawża ġiet differita għall-provi kollha tas-soċjetà konvenuta.

Permezz ta' nota ippreżentata fil-15 ta' Ottubru 2019, is-soċjetà konvenuta ippreżentat l-affidavit tax-xhud **Ludwig Dimech**. Dimech xehed hekk:

- Hu jiġġestixxi negozju li jwettaq *excavation* u *roadworks* u għandu wkoll ħanut tat-*tyres*. Fir-rigward tas-soċjetà attriċi, Dimech xehed li ġieli nxtara xi materjal mingħandha u ġieli tbattlu xi materjali fil-barriera tagħha.

- Fir-rigward tar-riċevuti ippreżentati mis-soċjetà attriċi, Dimech qal li dawn kienu jirreferi għal tbattil li sar fil-barriera tal-istess soċjetà attriċi bħala servizz għal ċertu Marius Ivanov Marinov li kien klijent tas-soċjetà konvenuta. Dimech qal li s-soċjetà konvenuta kienet tagħti blat lil Marinov u tipprovdi trasport sabiex dan jagħtih lis-soċjetà attriċi. Dimech xehed li kwalsiasi ftehim li kien hemm kien fil-fatt bejn is-soċjetà attriċi u Marius Ivanov Marinov, mhux bejn il-partijiet f'din il-kawża. Skont Dimech, dan Marinov huwa Bulgaru, m'għadux f'Malta u huwa debitur tal-istess Dimech.

- Dimech ikkummenta fuq iċ-*chits* li ġew ippreżentati u qal li dawn kienu tas-snin 2011 u 2012. Madankollu, Dimech qal li s-soċjetà konvenuta qatt ma ġiet avżata li tali somom kienu dovuti. Min-naħa l-oħra, is-soċjetà attriċi kienet debitur tas-soċjetà konvenuta għal servizzi rigward *punctures* u *tyres*. Meta Dimech talab ħlas għas-servizzi relattivi, is-soċjetà attriċi talbet li dawn jitnaqqsu mill-ammonti dovuti lis-soċjetà attriċi. F'dan il-punt il-partijiet ma qablux għax is-soċjetà konvenuta tikkontendi li hija m'hix debitriċi tas-soċjetà attriċi. Oltre dan, f'dan il-punt is-soċjetà konvenut saret taf li s-soċjetà attriċi stenniet xi flus mingħandha iżda Dimech qal li s-soċjetà konvenuta qatt ma rċeviet *invoices* u lanqas qatt issemma' li kienu dovuti xi flus lis-soċjetà attriċi.

- Dimech għalhekk qal li ċ-*chits* u *invoices* ippreżentati li kienu datati 2011 u 2012 mhux dovuti lis-soċjetà attriċi għax qatt ma kienu jafu bihom u qatt ma saret azzjoni biex dawk l-ammonti jiġu mħallsa qabel Jannar 2019, jiġifieri meta ntbagħtet l-ittra uffiċjali.

- Dimech irrefera għal xi *invoices* datati 2017 u qal li ma kienx jaf l-ammonti indikati fihom għal xiex kienu jirreferu u għalhekk, kellhom ikunu spjegati.

- B'referenza għad-dokument TL3, Dimech irrefera għax-xhieda tax-xhud Paul Falzon (fol. 25) li fis-7 ta' Diċembru 2018 kien xehed li mar jixtri xi batteriji mingħand is-soċjetà konvenuta u li skont l-istess Falzon, Dimech irrisponda li l-prezz tal-batteriji jitnaqqas mill-ammont dovut lis-soċjetà attriċi. Dimech ċaħad dan kategorikament għar-raġuni li ebda batterija ma tiswa biss €24.00 u kieku kienet batterija, kien ikun indikat fuq ir-riċevuta li tapplika l-garanzija. Dimech spjega li l-ittri "*ATE*" fuq ir-riċevuta kienu jfissru li dik kienet riċevuta għaż-żejt tal-*power steering*.

Fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru 2019 xehed **Etienne Scicluna**, li jokkupa l-kariga ta' assistent direttur fi ħdan il-Qrati tal-Ġustizzja f'Malta. Huwa qal li bejn is-sena 2011 u s-sena 2019, inkluża d-data ta' dik is-seduta stess, ma ġew ippreżentati ebda ittri uffiċjali fl-ismijiet ta' din il-kawża. It-tiftixa li saret kienet tkopri kemm ittri uffiċjali normali kif ukoll dawk *ai termini* tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'dan l-istadju, is-soċjetà konvenuta iddikjarat li kienet qed tagħlaq il-provi tagħha iżda obbligat ruħha li għall-udjenza li jmiss, tgħid lil Ludwig Dimech sabiex iġib miegħu l-*log books* tal-vetturi BBA269 u FAH018.

Fl-udjenza tat-20 ta' Jannar 2020 sar il-kontro-eżami tax-xhud **Ludwig Dimech**. Huwa ippreżenta l-*log books* tal-vettura BBA269 u FAH016, mhux FAH018 kif erronjament indikat preċedentement. Dimech xehed li l-vettura FAH016 kienet ilha fuq ismu mis-sena 2012 iżda l-vettura kienet inxtrat fis-sena 2005. Dimech qal imbagħad li l-vettura BBA269 kienet ilha fuq isem is-soċjetà LK Limited mis-sena 2010.

Dimech spjega li oltre r-rimi ta' materja relatat mal-ammont mitlub f'din il-kawża, sar ħafna iktar xogħol iżda dwar dak (skont Dimech), kien involut Marius Ivanov Marinov. Nonostante, Dimech aċċetta li kienet LK Limited li rmiet fil-barriera tas-soċjetà attriċi u kienet LK Limited li ħallset lis-soċjetà attriċi. Dimech aċċetta wkoll li kien biss l-ammont mitlub permezz ta' din l-azzjoni li ma tħallasx lis-soċjetà attriċi allegatament għax tali ammont ma kienx dovut.

Meta Dimech, fil-kontro-eżami tiegħu (ara fol. 66), kien muri d-dokumentazzjoni sitwata bejn fol. 32 u fol. 37 tal-proċess, Dimech għaraf il-firem fuq ir-riċevuti bħala firem tal-ħaddiema tiegħu (ċertu "Philip") iżda qal li ebda waħda minn dawk il-firem ma kienet tiegħu personalment. Ir-riċevuti kienu datati 2011 u 2012.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

*i.* *<u>L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni</u>*

It-Tribunal sejjer qabel xejn iqis it-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta li permezz tagħha ġiet eċċepita l-preskrizzjoni *ai termini* tal-Art. 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jistabbilixxi perjodu preskrittiv ta' ħames snin għal "*azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku*".

It-Tribunal josserva li fl-Avviż tat-Talba, is-soċjetà attriċi tirreferi ċar għal "*prospett u riċevuti annessi*". Dan jagħmilha ċara li t-talba tippernja fuq din id-dokumentazzjoni. It-Tribunal josserva li d-dokumentazzjoni relattiva hija din:

- *Statement* datat 1 ta' Marzu 2019 li jgħid li l-ammont ta' €3,146.96 huwa dovut għal servizzi reżi fit-8 ta' Jannar 2019 (fol. 3 tal-proċess).

- *Statement* datat 8 ta' Jannar 2019 li jgħid li l-ammont ta €3,170.96 huwa dovut għal servizzi ta' rimi ta' terrapien (fol. 5 tal-proċess). Dan l-i*statement* jindika li sar is-segwenti rimi:

  - F'Jannar 2012 permezz tal-vettura FAH016;
  - F'Diċembru 2017 permezz tal-vettura BBA269;
  - F'Diċembru 2017 permezz tal-vettura LCL327;
  - F'Lulju 2017 permezz tal-vettura LCE808; u
  - F'Lulju 2017 permezz tal-vettura FBZ338.

- Kopji ta' karti (fol. 6 sa 11) li jindikaw wieħed u tletin (31) okkażjoni fejn intremew terrapien fil-barriera tas-soċjetà attriċi. Għalkemm hemm numru sewwa ta' riċevuti li nħarġu fl-istess data, kull riċevuta tindika ammont ta' flus differenti bħala l-ammont dovut

għal dik id-darba ta' rimi. It-total tal-ammonti indikati fuq ir-riċevuti sitwati a fol. 6 sa 11 tal-proċess huwa ta' €2,244.32. Il-vetturi li ttrasportaw it-terrapien f'kull okkażjoni kienu l-vetturi BBA269 u FAH016. Dawn ir-riċevuti huma kollha datati Diċembru 2011 u Jannar 2012. Fil-fatt, dawn huma indikati fl-i*statement* li jinsab a fol. 5 tal-proċess.

It-Tribunal josserva li t-talba tas-soċjetà attriċi m'hix ċara. Filwaqt li d-dokumentazzjoni annessa mal-avviż tat-talba tirreferi għal *statements* maħruġin fis-sena 2019 u għal rimi ta' terrapien fis-snin 2012 u 2017, imbagħad, fid-dokument TL1, ix-xhud Paul Falzon ippreżenta dokument identiku għal dak li jinsab a fol. 5 tal-proċess (ara fol. 27). Hemm ukoll (bħala parti mid-dokument TL1) riċevuti li jindikaw rimi li sar f'Lulju 2015 u f'Diċembru 2017.

It-Tribunal jirreferi issa għad-dokument TL2 (fol. 38 u 39). Dan id-dokument jindika l-isem tal-klijent tas-soċjetà attriċi bħala Ludwig Dimech (u mhux LK Limited) u jindika li wara numru ta' okkażjonijiet ta' rimi ta' terrapien bejn Novembru 2011 u Jannar 2012, Ludwig Dimech kien fadallu jħallas lis-soċjetà attriċi €2,206.49.

It-Tribunal issa jirreferi għall-affidavit tax-xhud Ludwig Dimech. Fit-tieni paragrafu tal-affidavit, Dimech jirreferi għaċ-*chits* li huma datati bejn is-snin 2011 u 2012 u jgħid li "*dawn l-ammonti qatt ma konna ġejna avżati mingħand Tlata Limited li huma dovuti minna.*" Wara ftit, Dimech kiteb li "*dan l-ammont mhuwiex dovut minn LK Limited*".

Fit-tielet paragrafu, Dimech jerġa' jirreferi għaċ-*chits* relattivi u jgħid li dawn "*qatt ma kienu dovuti mingħandna, qabel ma beda dan id-diżgwid qatt ma konna nafu li hemm flus dovuti u fl-aħħar nett, qatt ma saret azzjoni biex dawn l-ammonti jiġu mħallsa qabel Jannar ta' din is-sena, meta ntbagħtet l-ittra uffiċjali.*"

Iżda, fil-kontro-eżami li sarlu, Ludwig Dimech ammetta li r-riċevuti li jinsabu a fol. 32 sa 37 kienu ffirmati minn ċertu "Philip", li Dimech qal li ħaddiem minn tiegħu.

It-Tribunal idur issa għall-istitut tal-ġurament deċiżorju u josserva li *ai termini* tal-Art. 2160 tal-Kodiċi Ċivili, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tirnexxi kemm-il darba l-parti konvenuta tieħu ġurament li jew mhux debitur jew li ma tiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa. Ludwig Dimech huwa l-uniku direttur u azzjonist tas-soċjetà konvenuta kif ukoll ir-rappreżentant ġuridiku u legali tal-istess soċjetà konvenuta.[1] It-Tribunal ma jinsabx konvint li fl-affidavit tiegħu, Dimech qal li s-soċjetà konvenuta ma kinitx debitur jew qal li ma jiftakarx li l-ammonti relattivi tħallsux.

Meta fil-kontro-eżami Dimech qal li r-riċevuti kienu ffirmati minn ħaddiem tiegħu, huwa xejjen l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li kien qajjem hu stess. Hemm, huwa xejjen dak li qal fl-affidavit, jiġifieri (fost affarijiet oħrajn), li l-ammont ma kienx dovut lis-soċjetà attriċi.

Għalhekk, fid-dawl ta' dan, it-Tribunal jiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

*ii.* *Il-mertu*

Fil-mertu, it-Tribunal josserva li għalkemm Dimech ripetutament qal li l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi ma kienx dovut, huwa qatt ma spjega preċiżament għaliex ma kienx dovut. Meta mistoqsi dwar iċ-*chits*, huwa mhux talli ma ċaħadx, anzi ikkonferma li l-firma kienet ta' ħaddiem minn tiegħu!

[1]Din l-informazzjoni nġiebet mill-*website* tal-*Malta Business Registry* filwaqt li t-Tribunal żamm f'moħħu l-Art. 9(2)(b) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta.

Oltre dan, id-dokumenti kollha ippreżentati mal-Avviż tat-Talba u mix-xhud Paul Falzon jindikaw u jirriflettu l-ammont indikat fl-i*statement* u fit-talba tal-istess avviż.

Issa li waqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u fid-dawl tal-fatt li Dimech ma kkontesta xejn mir-riċevuti u l-i*statements*, it-Tribunal ma jistax ħlief jasal għall-konklużjoni li l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi huwa fil-fatt dovut.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal, wara li qara l-atti, sema x-xhieda, ra d-dokumentazzjoni ippreżentata u sema' t-trattazzjonijiet relattivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u b'hekk jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallasha l-ammont ta' tlett elef u mija u sitta u erbgħin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€3,146.96).

Billi ġie ppruvat li ma saret ebda ittra uffiċjali (ara x-xhieda ta' Etienne Scicluna), it-Tribunal jiċħad dik il-parti tal-Avviż tat-Talba fejn intalbu l-ispejjeż ta' ittra uffiċjali.

It-Tribunal jordna li l-interessi relattivi għandhom jiddekorru mid-data tal-preżentata ta' din l-azzjoni.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**